**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Awwissu 2023**

Rikors Numru: 108/23 AL

A ( A D) B

vs

C B

(M.R. Numru 692/1992)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-Knisja tal-Buon Kunsill, Paceville, limiti ta' San Giljan, nhar is-sittax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (16/05/1992) (Ara certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok 'A');
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tliet ulied, illi llum huma lkoll maggorenni u temmew l-edukazzjoni taghhom;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment isseparati sa mit-tmienja ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (08/07/2013, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi (Ara kopja legali tal- kuntratt ta' separazzjoni annessa u mmarkata bhala Dok 'B';

4. Illi ai termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet iddekadew minn kull dritt ta' manteniment minghand xulxin (Ara Dok 'B' klawsola numru erbgha 4)), u għaldaqstant m'hemmx manteniment jew arretrati dovuti f'dan ir-rigward;

5. Illi skont dak regolat fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partjiet (Ara Dok 'B' klawsola hamsa (5), m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti favur l-ulied tal-partijiet u l-ebda manteniment dovut stante l-fatt illi t-tliet ulied illum il-gurnata huma maggiorenni u temmew l-edukazzjoni taghhom;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom iktar minn disa' (9) snin legalment separati u iktar minn hekk separati de facto, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha tikkonferma illi:-

1) Illi fil-kuntratt ta’ separazzjoni tat-8 ta’ Lulju 2023, specifikatament fil-klawzola 5(i) l-attur obbliga ruhu li jhallas is-somma ta’ €100 fil-gimgha ghaz-zewgt itfal dak iz-zmien minuri ossia E u F G ahwa B;
2) Illi l-hlas tal-manteniment mhux dejjem sar u ghalhekk hemm arretrati dovuti illi ghad iridu jigu kkalkulati.
3) Illik apparti minn hekk, skont il-klawzola numru 5(ii) il-manteniment kellu jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja liema hlas pero’ qatt ma sar lanqas u ghalhekk hemm arretrati f’dan ir-rigward ukoll.
4) Illi l-esponenti sejra thejji skeda tal-arretrati dovuti sad-data tas-smiegh tal-kawza odjerna.
5) Illi ghalhekk it-talbiet tal-attur huma kontestati;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Marzu 2023;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat illi waqt is-seduta tat-12 ta’ Lulju 2023, l-intimata rtirat l-oġġezzjonijiet tagħha għar-rikors u għalhekk ikkonfermat illi m’ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta’ Lulju 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-

Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.